MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 717/2004

**Borg Henry ID 926245M ghan-nom u in rapprezentanza ta' The Mosta Technopark Tenants` Association**

**Vs**

**Di Limited C20906**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Marzu 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm286.79 (mitejn sitta u tmenin Lira Maltin u disgha u sebghin centezmu) rapprezentanti service charges.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta' mitejn u sitta u tmenin Lira u disgha u sebghin

centezmu (Lm286.79) rapprezentanti service charges fuq area F11 A f' The Mosta Technopark ghall-perjodu minn l-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Marzu 2004, liema service charge jithallas bil-quddiem.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 610/04 u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra s-socjeta` konvenuta li min issa hi ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Is-socjeta` konvenuta qeghda tikkontesta t-talbiet ta' l-attur noe billi tecepixxi;

1. Illi s-socjeta` konvenuta diga hallset dak kollu li kien dovut minnha lil attur noe bhala 'service charges' fuq Area F11A fil-Mosta Technopark ghal perjodu mill-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Marzu 2004,
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe talba ghal somma akbar minn dak li gie mhallas mis-socjeta` konvenuta lil attur noe hija infondata fil-fatt u fid-dritt;
3. Illi s-socjeta` konvenuta hallset l-ispejjez relatat ghl mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 610/04 li gie rivedut permess ta' kontro-mandat mahrug skond il-ligi.

Ghaldaqstant it-talbiet ta' l-attur noe ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-azzjoni attrici tikkoncerna t-talba ghal hlas ta' mitejn u erbgha liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm204.85) rapprezentanti dovuta bhala service charge fil-Mosta Techno Park. Tezizti assocjazzjoni mill-okkupanti tan-negozji biex tigbor ir-rates/service charges u tamministra l-flus fl-istess interess tal-okkupanti. Minghajr dawn il-fondi, l-assocjazzjoni ma tkunx tista tiffunzjona. Il-lament tas-socjeta` konvenuta jikkonsisti filli l-assocjazzjoni,

skond hi qabdet u awmentat l-import tal-pagament b'mod mhux regolari ai termini tal-istess statut. Dana ma johrogx mill-eccezzjonijiet moghtija fir-risposta izda mill-affidavit ta' David Muscat rapprezentant taghha a Fol 30 et seq tal-process.

Illi simili oppozizzjoni ma tistax titressaq per via eccezzjonali. Se mai kellha tiehu passi gudizzjarji jew amministrattivi fl-istess assocjazzjoni billi titlob hija stess laqgha straordinarja jew tiehu passi gjudizzjarji ghall-istess revoka. Kontro-talba ma tkunx in regola billi ma taqax fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Pero` lanqas tista tassumi u tindika hija kemm ghandha thallas minghajr l-awtorita debita. Ma gietx indikata l-ebda deroga. L-ewwel eccezzjoni taghha tistipula l-pagament. Is-socjeta` konvenuta naqset li tipprova l-istess pagament.

Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici, tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u tikkundanaha thallas is-somma ta' mitejn u erbgha liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm204.85), bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------